A.L. 33 ta' l-1988

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)
ORDINANZA DWAR IR-REGULAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 105)

Regolamenti ta' l-1988 dwar Restrizzjoni ta' dħul u passaġġ fl-Imdina

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 dwar Restrizzjoni ta' dħul u passaġġ fl-Imdina u għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Vetturi projbiti dħul.

2. Ebda vettura, ħlief karozzini, ma tista' tidħol f'xi triq jew pjazza ġewwa l-Imdina, lanqas ma tista' tiċċirkola f'dik il-belt f'ebda ħin.

Eċċezzjonijiet.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolament 2:

(1) vetturi liċenzjati f'isem residenti ta' l-Imdina, karozzi tat-tiġijiet, ambulanzi, vetturi tat-tifi tan-nar u tal-Pulizija, vetturi tal-mejtin, u dawk li jkunu qed jintużaw minn tobba msejjħin biex jinvistaw persuni ġewwa l-Imdina, għandu jkollhom kull dritt ta' dħul u passaġġ hemmhekk f'kull ħin;

(2) vetturi kummerċjali li jikkonsenjaw jew ibiegħu oġġetti ġewwa l-belt ikunu jistgħu jiċċirkolaw ġewwa l-Imdina għal dawk l-għanijiet bejn is-6.00 u l-10.30 ta' filgħodu fil-ġranet kollha minbarra fil-Ħdud u btajjel pubbliċi oħra;

(3) mini-buses, mikrijin biex iwasslu tfal li jattendu skejjel fl-Imdina, ikunu jistgħu jiċċirkolaw ġewwa dik il-belt bejn is-7.30 u d-9.00 ta' filgħodu u bejn is-1.00 u s-2.00 ta' wara nofs in-nhar fil-ġranet ta' l-iskola.

Il-Pulizija tista' tippermetti dħul temporanju.

4. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħti permess biex vetturi jidħlu u jiċċirkolaw ġewwa l-belt ta' l-Imdina għal għan jew raġuni speċifika b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jidhirlu xieraq li jimponi.

(2) Il-permess imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jkun bil-miktub u għandu jintwera ġewwa l-vettura b'tali mod li jkun jista' jidher u jinqara minn barra l-vettura f'kull waqt li l-vettura tkun ġewwa l-Imdina.

Jirrevoka l-A.L. 76 ta' l-1982.

5. Ir-Regolamenti ta' l-1982 dwar Restrizzjoni ta' dħul u passaġġ fl-Imdina huma b'dan revokati.